# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM il-Ħamis, 30 ta' Jannar, 2020**

**Kawża Nru. 3**

**Rik. Nru. 446/08JRM**

Maġġur Ivan **CONSIGLIO**

vs

**L-ONOREVOLI PRIM MINISTRU** u b'degriet tat-2 ta' Diċembru, 2014, il-Ministru tal-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali assuma l-atti minflok l-Onorevoli Prim Ministru; u l-Kap Kmandant tal-Forzi Armati

**Il-Qorti:**

Reġgħet rat ir-Rikors Maħluf imressaq fit-2 ta' Mejju, 2008, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra l-attur talab li din il-Qorti (a) issib li l-eżerċizzju ta' promozzjonijiet dwar karigi ta' Logutenenti Kurunelli fil-Forzi Armati ta' Malta mxandar fil-ħarġa tal-Gażżetta tal-Gvern tas-6 ta' Novembru,

2007, b'seħħ mit-2 ta' Novembru, u dan safejn jolqot il-promozzjoni mogħtija lill-Maġġuri Martin Sammut, Ian Ruġġier u Mario Borġ ma jiswiex, ma jgħoddx u huwa mingħajr effett billi dak l-eżerċizzju kien għemil amministrattiv *ultra vires* għall-finijiet tal-artikolu 469A(1)(b)(i), (ii), (iii) u (iv) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta; (b) issib li bl-imsemmi eżerċizzju, l-attur ġarrab danni, kemm morali, psikiċi u wkoll finanzjarji, bi ħtija tal-imħarrkin jew ta' min minnhom; (ċ) tillikwida l-imsemmija danni; u (d) tikkundanna lill-imħarrkin jew lil min minnhom biex iħallsuh id-danni hekk likwidati għall-finijiet tal-artikolu 469A(5) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Talab ukoll l-ispejjeż;

Rat id-degriet tagħha tat-22 ta' Mejju, 2008, li bih ordnat in-notifika tal-atti lill-imħarrkin u tat direttivi lill-attur dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tiegħu;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa fit-12 ta' Ġunju, 2008, li biha l-imħarrkin laqgħu għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, qalu li din il-Qorti m'għandhiex is-setgħa li tisma' u tistħarreġ il-kawża għall-finijiet tal-artikolu 469A(2) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, u dan għaliex l-eżerċizzju mertu tal-każ ma kienx "att amministrativ" kif mifhum mill-imsemmi artikolu, imma biss eżerċizzju ta' l-organiżżazzjoni interna fi ħdan l-istess Forzi Armati u wkoll għaliex l-azzjoni attriċi jonqosha l-fundament ġuridiku billi ma jeżisti l-ebda dritt illi wieħed jingħata promozzjoni. Fil-mertu, laqgħu billi qalu li l-allegazzjonijiet li jagħmel l-attur m'humiex minnhom, u dan peress li l-eżerċizzju kollu tal-promozzjonijiet kien ġust, skond il-liġi u b'ħarsien tal-prinċipji tal-ħaqq naturali u b'mod li l-imħarrkin la mxew *ultra vires* u lanqas b'abbuż ta' poter. Il-kriterji meħuda biex jitqies jekk persuna jistħoqqilhiex tingħata promozzjoni huma bosta u jittieħdu lkoll flimkien. Għar-rigward tat-talbiet għall-ħlas tad-danni, laqgħu billi qalu li ma hemm l-ebda rabta ta' kawżalità bejn imġibithom u d-danni li jippretendi l-attur, minbarra li, għall-finijiet tal-artikolu 469A(5) tal-imsemmi Kodiċi, biex persuna mġarrba jkollha dritt għall-ħlas ta' danni, trid turi li l-awtorità pubblika tkun imxiet magħha b'mala fidi;

Rat in-Nota mressqa mill-attur fil-5 ta' Awissu, 2008, li magħha kien hemm mehmużin affidavit bix-xhieda tiegħu u bosta dokumenti;

Rat id-degriet tagħha tas-27 ta' Mejju, 2009, li bih qiegħdet il-kawża għas-smigħ;

Rat is-sentenza preliminari tagħha tat-18 ta' Frar, 2010[1], li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-imħarrkin u sabet li kellha tistħarreġ l-ilmenti tal-atturi fil-mertu;

Rat ix-xhieda mressqa mill-partijiet, magħduda l-provi dokumentali;

Rat il-Provvediment tagħha tat-2 ta' Mejju, 2011[2], li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, ċaħdet it-talba magħmula mill-imħarrek Kap Kmandant tal-Forzi Armati b'rikors tiegħu tal-11 ta' April, 2011[3], biex ma jitħallewx jitressqu bi prova xi dokumenti mitluba mill-attur;

Rat id-degriet tagħha tas-6 ta' April, 2012[4], li bih laqgħet talba magħmula mill-attur b'rikors tiegħu tas-7 ta' Frar, 2012, biex iressaq bidliet fis-sitt premessa u fl-ewwel talba fir-Rikors Maħluf li bih fetaħ din il-kawża;

Rat id-degriet tagħha tad-29 ta' Novembru, 2012[5], li bih laqgħet talba mressqa mill-imħarrkin b'rikors tagħhom tal-14 ta' Novembru, biex jitħallew iressqu eċċezzjoni ulterjuri dwar in-nuqqas ta' interess ġuridiku fl-attur, ladarba huwa kien irtira mill-Armata matul iż-żmien li kienet miexja l-kawża;

Rat ir-Risposta Ġuramentat ulterjuri mressqa mill-imħarrkin fit-3 ta' Diċembru, 2012[6];

Rat id-degriet tagħha tat-2 ta' Diċembru, 2014[7] fejn ordnat il-bidla meħtieġa fl-"okkju" tal-kawża u ddikjarat magħluq l-istadju tal-gbir tal-provi;

Rat in-Nota ta' sottomissjonijiet mressqa mill-attur fis-26 ta' Marzu, 2015[8];

Rat in-Nota ta' sottomissjonijiet mressqa mill-imħarrkin fit-8 ta' Ġunju, 2015[9], bi tweġiba għal dik tal-attur;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza fin-

---

[1] Paġ. 101 – 7 tal-proċess
[2] Paġġ. 238 sa 241 tal-proċess
[3] Paġġ 230 – 1 tal-proċess
[4] Paġ. 310A tal-proċess
[5] Pagg 483 – 4 tal-proċess
[6] Paġġ 485 – 6 tal-proċess
[7] Paġ 620 tal-proċess
[8] Paġġ 624 sa 674 tal-proċess
[9] Paġġ 676 sa 696 tal-proċess

nuqqas ta' xkiel;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija kawża ta' stħarriġ ġudizzjarju. L-attur, li kien uffiċjal fil-Forzi Armati ta' Malta (aktar 'il quddiem imsejħa "FAM"), qiegħed jitlob stħarriġ dwar eżerċizzju ta' għoti ta' promozzjonijiet fi ħdan il-FAM li saru, fost l-oħrajn, għar-*rank* ta' Logotenent Kurunell f'Novembru tal-2007, f'liema eżerċizzju huwa nqabeż u ma ngħatax promozzjoni. Huwa jgħid li dak il-proċess ma sarx b'ħaqq u dan meta jitqabbel miegħu ħaddieħor li ngħata l-promozzjoni. Huwa jgħid li, minħabba f'hekk, ġarrab danni kemm f'saħħtu u kif ukoll finanzjarjament, u kellu jiftaħ din il-kawża għaliex, minkejja t-talba tiegħu lill-Kap Kmandat imħarrek biex jara għaliex ġara li ġara, baqa' ma ngħata l-ebda spjegazzjoni jew rimedju. L-attur isejjes l-azzjoni tiegħu tal-lum fuq is-saħħa tal-Artiklu 469A(1)(b)(ii) u (iii) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. B'digriet ta' din il-Qorti tas-6 ta'April 2012[10], il-premessa tal-*ultra vires* ġiet ibbażata ukoll fuq l-Artiklu 469A(1)(b)(i) u (iv);

Illi l-<u>fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża</u> juru li l-attur dam iservi mal-FAM sa mill-1987. Huwa baqa' jimxi 'l quddiem sakemm f'Jannar tal-2001, laħaq il-grad ta' Maġġur. F'Novembru tal-2007, l-attur sar jaf minn avviż li deher fil-ħarġa tal-Gażżetta tal-Gvern tas-6 ta' dak ix-xahar[11] li ngħatat promozzjoni, fost l-oħrajn, b'seħħ mit-2 ta' Novembru, 2007, lil ħames persuni fil-grad ta' Maġġuri għal grad ta' Logutenenti Kurunelli. Ismu ma kienx fosthom;

Illi fid-19 ta' Novembru, 2007[12], l-attur kiteb lill-Kap Kmandant tal-FAM biex jitolbu jgħarrfu b'liema kriterji kienu saru l-ħatriet u kif intgħażlu n-nies għall-promozzjonijiet. Billi ma kien ingħata l-ebda tweġiba miktuba għajr għal *acknowledgement*, f'Jannar tal-2008[13], l-attur qabbad avukat biex jitlob lill-Kap Kmandant biex iressaq lill-President tar-Repubblika rapport tal-ilment tal-attur. Tweġiba baqgħet ma ngħatatlux, u fil-bidu ta' Frar tal-2008, l-attur ressaq protest ġudizzjarju kontra l-Prim Ministru u l-Kap Kmandant tal-FAM;

Illi fit-2 ta' Mejju, 2008, infetħet din il-kawża. L-attur irtira mill-Armata fit-23 ta' Lulju, 2012[14];

---

[10] Paġ. 310A tal-proċess
[11] Dok "A", f'paġ. 8 tal-proċess
[12] Dok "B", f'paġ. 9 tal-proċess
[13] Dok "Ċ", f'paġ. 11 tal-proċess
[14] Dok "MSB1", f'paġ. 462 tal-proċess

Illi l-Qorti sejra tibda l-konsiderazzjonijiet ta' xejra legali marbutin mal-każ billi tgħaddi biex tqis l-ewwelnett l-**eċċezzjonijiet preliminari l-oħra** tal-imħarrkin li dwarhom għadha ma ngħatat l-ebda sentenza. Dawn jikkonsistu f'żewġ eċċezzjonijiet – l-ewwel waħda (li kienet tressqet sa mill-bidunett tal-kawża bħala t-tieni eċċezzjoni preliminari) tgħid li fl-azzjoni tal-attur jonqos il-fundament ġuridiku, ladarba ma jeżisti l-ebda dritt li wieħed jingħata promozzjoni; u t-tieni waħda (li tressqet bħala eċċezzjoni ulterjuri) tgħid li jonqos fl-attur attur l-interess ġuridiku li jissokta b'din il-kawża, ladarba huwa rtira mill-FAM matul iż-żmien li l-kawża kienet qiegħda tinstema';

Illi t-**tieni eċċezzjoni preliminari** hi li l-azzjoni hi nieqsa minn kull fundament ġuridiku billi ma jeżisti ebda dritt li wieħed jieħu promozzjoni. L-imħarrkin ma ressqu l-ebda sottomissjoni dwar din l-eċċezzjoni tagħhom, imma lanqas irtirawha. Trid għalhekk tingħata deċiżjoni dwarha;

Illi l-Qorti tqis li din l-eċċezzjoni mhix sostenibbli billi l-jedd li wieħed jistenna li jimxi 'l quddiem fil-karriera li jkunj għaże ma jistax jiġi eskluż *a priori*. Fost l-oħrajn, impjegat (ukoll jekk ikun membru f'xi forza dixxiplinari) jista' jkollu jedd għall-promozzjoni li jitwieled mill-kuntratt li jistipula l-kundizzjonijiet tal-ingaġġ li jkollu. Minbarra dan, hemm baħar jaqsam bejn meta persuna tippretendi li għandha tingħata promozzjoni, u meta persuna tistenna li l-proċess tal-għażla f'eżerċizzju ta' promozzjoni jsir kif imiss: dan tal-aħħar huwa jedd li l-ebda kuntratt ma jista' jneħħi. F'din il-kawża, l-attur mhuwiex qiegħed jitlob promozzjoni, imma d-danni li ġarrab talli sar eżerċizzju ta' promozzjonijiet li huwa jallega li twettaq *ultra vires*, u li bis-saħħa tiegħu tħalla barra mill-promozzjonijiet li ngħataw lil oħrajn. Dan huwa jedd li tagħtih il-liġi permezz tal-Artiklu 469A(5) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi l-attur ma ressaq l-ebda talba biex din il-Qorti tordna li jingħata l-promozzjoni li ma ngħatax fl-eżerċizzju partikolari tal-2007 li dwaru fetaħ din il-kawża. It-talba hija li din il-Qorti tħassar il-proċess li sar f'każ li ssib li ma sarx sewwa jew sar bi ksur tal-liġi. Kif sewwa jgħid l-attur fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu[15], talba bħal din ma tistax tintlaqa' minn din il-Qorti li kieku mqar saritilha[16]. Madankollu, l-fatt li din il-Qorti ntalbet tistħarreġ l-għemil amministrattiv tal-eżerċizzju tal-promozzjoni – u dan bi tqabbil maċ-ċirkostanzi ta' dawk li ngħataw tali promozzjoni – ma jibdilx l-azzjoni attriċi f'waħda fejn il-Qorti tieħu f'idejha d-diskrezzjoni tal-eżerċizzju minflok dawk mill-imħarrkin li lilhom il-liġi tagħti din is-setgħa. F'dan ir-rigward, għalhekk,

[15] § 105 f'paġ. 672 tal-proċess
[16] App. Ċiv. **11.5.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Reginald Fava vs Suprintendent tas-Saħħa Pubblika bħala Awtorità dwar il-Liċenzjar et***

il-Qorti ma ssibx li l-azzjoni attriċi hija tassew milquta min-nuqqas ta' fundament ġuridiku;

Illi għalhekk, il-Qorti sejra tiċħad din l-eċċezzjoni preliminari bħala waħda mhix mistħoqqa;

Illi permezz ta' **eċċezzjoni preliminari ulterjuri** mressqa fid-29 ta' Novembru 2012, il-konvenuti eċċepew li l-attur, b'seħħ mit-23 ta' Lulju 2012, ma baqax ingaġġat fil-FAM u għalhekk tilef l-interess ġuridiku li jitlob it-tħassir tal-promozzjonijiet billi huwa ma setax iktar jippretendi li jitqiegħed fil-grad ta' Logotenent Kurunell mogħti lit-tliet konkorrenti kollegi l-oħrajn imsemmija fl-ewwel talba tiegħu. L-imħarrkin jgħidu li, b'seħħ mal-irtirar tiegħu mill-FAM, ġara li naqas fl-attur l-interess tiegħu li jibqa' jisħaq aktar dwar l-ewwel talba tiegħu billi, bit-tħassir tal-ħatra mogħtija lil sħabu, mhu se jikseb l-ebda vantaġġ. Minbarra f'hekk, bin-nuqqas ta' interess attwali fil-kwestjoni, jonqos ukoll l-element tal-integrità tal-ġudizzju billi t-tliet kollegi ma humiex ukoll parti fil-kawża;

Illi l-Qorti tqis minnufih li din l-aħħar sottomissjoni tqajmet mill-imħarrkin biss fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħhom bla ma qatt intalbet li titressaq eċċezzjoni formali dwarha. Lanqas ma tissemma bħala parti mill-eċċezzjoni ulterjuri li din il-Qorti awtorizzathom li jressqu. Ilu żmien aċċettat li l-ebda "eċċezzjoni" ġdida ma għandha titqajjem fis-sura ta' sottomissjoni[17], u l-ebda eċċezzjoni ulterjuri ma għandha titqajjem jekk mhux bil-mod maħsub mil-liġi[18]. Minbarra li l-attur ma ngħata l-ebda opportunità li jirribatti dik is-sottomissjoni, jidher ċar li t-tħassib tal-imħarrkin li l-ġudizzju mhuwiex wieħed sħiħ ġej minn ċirkustanza li kienet teżisti sa mill-bidu tal-kawża u qatt ma wrew jew ġibdu l-attenzjoni tal-Qorti li l-ġudizzju ma kienx sħiħ. Dan bla ma għandu għalfejn jingħad li kien hemm disponibbli rimedji proċedurali fejjieda biex l-imsemmija kollegi setgħu daħlu jew iddaħħlu fil-kawża, li kieku kien minnu li l-ġudizzju mhuwiex sħiħ. U lanqas ma ntwera għaliex il-ġudizzju sar mhux sħiħ minħabba li l-attur irtira mill-FAM;

Illi għal dak li jirrigwarda l-eċċezzjoni nnifisha, l-imħarrkin ressqu bosta sottomissjonijiet studjati biex jisħqu li l-element tal-attwalità tal-interess – li huwa wieħed mill-elementi fundamentali tal-interess ġuridiku – inġab fix-xejn bil-fatt innifsu li l-attur irtira mill-Armata;

Illi, min-naħa tiegħu, l-attur iwarrab is-siwi ta' din l-eċċezzjoni ulterjuri u jgħid li l-interess tiegħu fil-kawża kif imressqa baqa' bla mittiefes

---

[17] App. Ċiv. **16.3.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Vincent Camilleri et vs Gaetana Aquilina***; u P.A. RCP **17.4.2012** fil-kawża fl-ismijiet ***Philip Gauċi et vs Alan Xuereb et*** fost oħrajn

[18] Art. 728(2) tal-Kap 12

għaliex huwa bl-ebda mod ma talab li jingħata l-promozzjoni li ma ngħatax, imma li l-Qorti ssib li l-proċess li sar ma sarx sewwa u li, minħabba f'hekk, ġarrab danni li baqa' ma ngħatax kumpens dwarhom;

Illi din il-Qorti ma taqbilx ma' din l-eċċezzjoni. Fl-ewwel lok, biex tali interess ikun tutelat minn karattru ġuridiku, irid ikun iwassal għal riżultat ta' utilità u vantaġġ għal min irid jeżerċita l-jedd[19], b'mod li jekk l-azzjoni ma tistax twassal biex tipproduċi tali riżultat għal min jibdiha, dik l-azzjoni ma tistax treġi[20]. Kien minħabba dan il-prinċipju li għadd ta' sentenzi ċaħdu l-jedd tal-azzjoni lil min ried jikseb b'sentenza biss dikjarazzjoni mingħajr oġġett materjali[21];

Illi, minbarra dan, u dejjem għal dak li jirrigwarda l-aspett tal-attwalità tal-interess f'attur, irid jintwera li dak l-interess jibqa' jseħħ matul il-ħajja kollha tal-azzjoni, u mhux biss fil-bidu tagħha, għaliex jekk dan l-interess jintemm fix-xejn, il-konsegwenza immedjata tkun li l-imħarrek jinħeles milli jibqa' fil-kawża[22];

Illi ġie stabilit ukoll mill-Qrati li dak li jfisser l-interess tal-attur għandu jkun jidher mill-att innifsu li bih tinbeda kawża[23], u għalkemm il-mottiv tal-interess mhux meħtieġ li jkun imsemmi fir-Rikors Maħluf, għandu jirriżulta mill-provi jekk kemm-il darba jiġi kuntrastat[24];

Illi, dwar il-kwestjoni tal-attwalità tal-interess, b'mod partikolari dak l-interess li għandu juri l-attur biex isostni l-kawża, ingħad ukoll li fil-prattika ġudizzjarja wieħed jista' jressaq kawża biex jikseb dikjarazzjoni preordinata għal azzjoni definitiva u aħħarija, minkejja li din ma tkunx ġiet inkluża fl-azzjoni ta' aċċertament[25]. Madankollu, f'każ bħal dan, il-Qorti trid tkun soddisfatta li jkun hemm l-interess meħtieġ, anki preordinat għall-kawża l-oħra, u li d-dikjarazzjoni miksuba fil-kawża ta' aċċertament tkun tifforma l-bażi tal-kawża l-oħra li tista' ssir 'il quddiem[26];

Illi kif diġà ngħad, l-attur m'huwiex qiegħed jitlob promozzjoni, imma l-kumpens għad-danni li jgħid li ġarrab bil-fatt li l-eżerċizzju tal-promozzjoni ma sarx sewwa u tħalla barra. Dan ir-rimedju baqa' ma ngħatalux sa dakinhar li rtira mis-servizz, u għalhekk jgħid li ma naqas xejn mill-element tal-attwaltà tal-interess ġuridiku tiegħu fit-talbiet li jitkellmu dwar dawn id-

[19] Ara App. Ċiv. **13.2.1953** fil-kawża fl-ismijiet ***Manche' vs Montebello*** (Kollez. Vol: **XXXVII.i.56**)
[20] P.A. **7.1.1953** fil-kawża fl-ismijiet ***Camilleri vs Sammut*** (Kollez. Vol: **XXXVII.ii.605**)
[21] Ara App. Ċiv. **8.6.1942** fil-kawża fl-ismijiet ***Cortis vs Bonello*** (Kollez. Vol: **XXXI.i.218**)
[22] App. Ċiv. **17.2.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Sammut et noe vs Attard*** (Kollez. Vol: **LXXVII.ii.246**).
[23] Ara App. Ċiv. **3.12.1984** fil-kawża fl-ismijiet ***Borġ vs Caruana*** (Kollez. Vol: **LXVIII.ii.232**) u l-għadd ta' sentenzi hemm imsemmija
[24] Ara App. Ċiv. **12.12.1983** fil-kawża fl-ismijiet ***Ignazio Gatt vs Michael Debono et***
[25] Ara P.A. **12.3.1946** fil-kawża fl-ismijiet ***Balluċi vs Vella Gera noe*** (Kollez. Vol: **XXXII.ii.257**); u App. Ċiv. **4.12.1944** fil-kawża fl-ismijiet ***Xuereb vs Petrococchino*** (Kollez. Vol: **XXXII.i.540**)
[26] Ara P.A. **10.10.1966** fil-kawża fl-ismijiet ***Giuffrida noe vs Borg Olivier noe et*** (Kollez. Vol: **L.ii.310** u Vol: **LI.i. 130**)

danni u li, fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, jgħid li qiegħed jillimatahom għad-differenza bejn id-dħul tiegħu u dak li kien jieħu kieku ġie promoss bejn id-data tal-promozzjoni u d-data tal-irtirar tiegħu mill-FAM.[27] Għalkemm huwa minnu li, jekk kemm-il darba kellha tintlaqa' l-ewwel talba attriċi l-attur ma jista' jieħu l-ebda vantaġġ jew gwadann minn dak il-fatt, jibqa' dejjem il-fatt li l-interess attwali li għad għandu dwar it-talbiet attriċi l-oħrajn huma subordinati għas-siwi tal-ewwel talba, u din il-Qorti ma tistax u ma jkollhiex għalfejn tistħarreġ dawk it-talbiet jekk qabel ma tkunx stħarrġet u laqgħet l-ewwel talba msemmija. Kienet tkun ħaġa oħra li kieku lill-attur ingħatalu xi għamla ta' rimedju jew kumpens marbut mal-ilment tiegħu, jew jekk kemm-il darba huwa kien irrinunzja għall-pretensjonijiet tiegħu. Ma nġabet l-ebda prova li ġrat xi waħda minn dawn iċ-ċirkostanzi. Għalhekk din il-kawża xorta waħda tista' tkun ta' utilità konkreta għall-attur. Naturalment il-prova li jkun intwera li l-attur igawdi l-interess ġuridiku fit-talbiet tiegħu ma jfissirx li l-attur għandu raġun fil-mertu dwarhom;

Illi għalhekk il-Qorti lanqas ma hija se tilqa' l-eċċezzjoni preliminari ulterjuri għaliex ma ssibx li hija tajba;

Illi għalhekk imiss li jiġi ttrattat **il-mertu tat-talbiet attriċi** f'dan il-każ. L-attur jgħid li l-għażla għall-promozzjoni tat-tliet kollegi tiegħu minfloku kienet waħda li hija milquta minn bosta nuqqasijiet u nuqqas ta' ħarsien tal-liġi. Kemm hu hekk, hi u miexja l-kawża, ħass il-ħtieġa li jitlob lill-Qorti biex tilqa' talba tiegħu ħalli jwessa' l-firxa ta' nuqqasijiet li dwarhom huwa kien sejjes l-azzjoni tiegħu. Il-Qorti laqgħet dik it-talba. Madankollu, dik iż-żieda kienet taqa' fil-parametri tax-xilja oriġinali tiegħu li l-imħarrkin, jew min minnhom, imxew lil hinn mis-setgħat mogħtijin lilhom mil-liġi ("*ultra vires*") fil-kontinġenzi kollha maħsuba fl-artikolu 469A(1)(b) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili. Tista' tgħid li bosta minn dawn l-ilmenti huma mkejla ma' dak li tipprovdi l-liġi dwar il-ħatriet u promozzjonijiet ta' uffiċjali fil-FAM. Kif ingħad qabel, dik il-liġi hija r-Regolamenti dwar in-Nomini u l-Kundizzjonijiet tas-Servizz tal-Forza Regolari tal-Forzi Armati ta' Malta[28] (minn issa 'l hemm imsejħa "ir-Regolamenti");

Illi l-attur jgħid li, fil-każ ta' tnejn mill-kollegi tiegħu – jiġifieri tal-Maġġur Ian Ruġġier u tal-Maġġur Martin Sammut – l-imħarrek Kap Kmandant kiser għadd ta' regoli bi ħsara għalih u ma wettaqx l-eżerċizzju ta' diskrezzjoni b'mod tajjeb, l-aktar fejn jidħlu l-imġiba u l-ħiliet tiegħu. Fil-każ tal-kollega l-ieħor – il-Maġġur Mario Borġ – l-attur jgħid li mhux biss il-Kmandant imħarrek mexa b'kejl differenti, iżda saħansitra jirriżulta li għall-għażla u l-promozzjoni tiegħu, Borġ kellu favurih l-indħil tas-Segretarju Parlamentari ta' dak iż-żmien

[27] §§ 89 u 90 f'paġ 668 tal-proċess
[28] A.L. 91 tal-1970 (L.S. 220.03) kif sussegwentement emendat

u għalhekk il-ħatra saret fuq is-saħħa ta' rakkomandazzjoni ta' xiħadd li l-liġi ma tagħtihx is-setgħa li jagħmilha[29]. Punt ewlieni li l-attur jagħmel huwa li l-istess Regolamenti jisħqu li l-promozzjonijiet għandhom isiru fuq rakkomandazzjonijiet imsejsa fuq l-effiċjenza, l-anzjanità u l-għażla biex jimtela post battal[30]. Huwa jgħid li bil-mod li ngħataw il-promozzjonijiet lit-tliet kollegi tiegħu nkisru dawn iż-żewġ regoli ewlenin[31];

Illi l-attur iżid jgħid li l-awtoritajiet imdaħħla fl-għażliet għall-promozzjoni mxew b'mod irraġonevoli u jew ma ħadux qies ta' kunsiderazzjonijiet li messhom saru jew ikkunsidraw ħwejjeġ li ma messhomx qiesu. Minbarra dan, jgħid li ntwera li min qatagħha li jagħti l-promozzjonijiet mexa fuq dokument mistur li bih ma kinux jafu dawk li kienu qegħdin jintgħażlu, u dan meta kien hemm manwali li jfissru ċar il-kejl u l-kriterji li bihom messhom saru għażliet tajbin u bi prattika xierqa[32]. B'mod partikolari, jisħaq li s-Segretarju Parlamentari ndaħal fil-biċċa u daħħal kriterji ġodda ta' għażla bis-saħħa ta' memorandum kunfidenzjali f'Ġunju tal-2006[33] li warrab il-kriterji u l-proċeduri ċari stabbiliti fil-manwali msemmija qabel;

Illi l-imħarrkin jisħqu li l-eżerċizzju twettaq kif kellu jkun u li fir-rigward ta' kull wieħed mill-kandidati tqies dak li kellu jitqies u dan sar bla ebda tgħawwiġ tar-regoli. Itennu li tressqu provi biżżejjed biex juru kemm kellu għalfejn il-Kap Kmandant ma jirrakkomandax lill-attur għall-promozzjoni u kif l-attur innifsu kien b'imġibtu matul iż-żmien wassal biex ma jitqiesx għall-promozzjoni li jgħid li kien jistħoqqlu jingħata. Huma jirribattu x-xiljiet tal-attur u jgħidu li l-imħarrek Kap Kmandant wettaq eżerċizzju ġust u raġonevoli biex wasal ħalli jagħmel ir-rakkomandazzjonijiet għall-kunsiderazzjoni tal-Prim Ministru;

Illi l-Qorti tagħraf li l-promozzjonijiet fil-FAM, bħala regola, skond rakkomandazzjoni jew nomina tal-Kap Kmandant lill-Ministru responsabbli, ibbażata fuq "effiċjenza, anzjanità u għażla biex timtela vakanza". Dawn il-kriterji ma ġewx mogħtija definizzjoni mil-leġislatur. Għalhekk biex jiggwidaw lill-Kap Kmandant, matul iż-żmien l-awtoritajiet fi ħdan il-Forzi Armati ħarġu numru ta' *policies* u linji-gwida sabiex jiggwidawh kif għandu jinterpreta dawn il-kriterji. L-iktar importanti huwa l-*AFM Officers' Career Hand-Book* li jiġbor fih ħames '*policy documents*'. Fil-'*policy document*' imsemmi *Future Pattern of Officers' Career Development and Management in the AFM* hemm miktub li "*The underlying considerations will invariably be the competence and commitment of the individual officers concerned and, importantly, the needs*

[29] Ara Reg. 4(1)(b) tal-A.L. 91/70
[30] Reg. 4(1) tal-A.L. 91/70
[31] §§ 11 u 12 tan-Nota ta' Sottomissjonijiet f'paġ. 627 tal-proċess
[32] F'dan ir-rigward, huwa jsemmi bosta "*policy documents*" maħsuba sewwasew għall-FAM (§§ 18 *et seq* tan-Nota ta' Sottomissjonijiet f'paġġ 628 – 637 tal-proċess)
[33] Ara Dok "IVC1", f'paġġ. 122 – 6 tal-proċess

*and exigencies of the service*". Dokument ieħor jirrakkomanda li għandhom jiġu kkonsultati l-AFM Officers' Confidential Reports. Kien hemm ukoll memorandum miktub mis-Segretarju Parlamentari li kien kunfidenzjali u kkomunikat lill-Kap Kmandant biss li fih iktar dettalji dwar il-kriterji ta' effiċjenza, anzjanità u l-għażla biex jimtela post battal. L-attur, fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, iqabbel l-anzjanità, il-ħila u l-kwalifiki tiegħu ma' ta' dawk li ġew promossi u jsostni li, bis-saħħa ta' dak l-eżerċizzju ta' tqabbil, hu kellu jkun promoss. Huwa jsemmi diversi rapporti li saru favurih, imbagħad iqabbilhom mal-fehma tal-Kap Kmandant il-Brigadier Carm Vassallo li xehed li, mqabbel ma' dawk li ngħataw il-promozzjoni, l-attur ma kellux il-livell u l-kwalitajiet li kellhom l-oħrajn. Huwa kkunsidra wkoll l-inċident tal-bejgħ fuq *ebay* u inċidenti oħrajn fi żmien Kapi Kmandanti ta' qablu[34]. Tressqu provi dokumentali oħrajn li jixħtu dawl fuq il-fehma li superjuri tal-attur kellhom dwar imġiebtu[35] u dan fuq medda mdaqqsa ta' żmien li l-attur kien iservi fil-FAM;

Illi jidher li d-deċiżjoni tal-Kap Kmandant imħarrek kienet ibbażata kemm fuq l-esperjenza personali tiegħu tal-imġiba tal-attur waqt il-qadi ta' dmirijietu kif ukoll fuq ir-rapporti ta' tlett Kapijiet Kmandanti ta' qablu, li lkoll sabu nuqqasijiet serji fl-attur tul il-karriera kollha tiegħu (minkejja li hemm dokument ieħor[36] li jitfa' dawl ukoll fuq l-imġiba tal-attur, il-Qorti ma tistax tqisu bħala wieħed rilevanti għar-rakkomandazzjonijiet magħmula mill-imħarrek Kap Kmandant għall-promozzjonijiet mertu tal-kawża, għaliex dak id-dokument sar żmien wara li l-eżerċizzju tal-ħatriet kien intemm) fosthom:

(i) il-Brigadier Maurice Edward Calleja kien Kap Kmandant meta l-attur kien fil-bidu tal-karriera militari tiegħu jiddeskrivih bħala imferfex, jagħmel ċerti affarijiet minn jeddu, kellu bżonn superviżjoni kostanti u anki f'ċerti każijiet, twissijiet. Ma setax iqisu bħala bniedem ta' ċerta responsabilità u maturità għaliex kien kemmxejn traskurat fl-għemil tiegħu. Huwa ddeskriva kif l-attur kien kiser ir-regolamenti li japplikaw għall-mitjar meta saq vettura fl-ajruport mingħajr ma kellu l-liċenzja meħtieġa mis-sigurtà tal-ajruport. Id-Direttur tal-Avjazzjoni Ċivili kiteb lill-Brigadier Calleja biex ġibidlu l-attenzjoni li din ma kinitx l-ewwel darba li l-attur kiser ir-Regolamenti;

(ii) il-Brigadier Rupert Charles Montanaro jfaħħar il-pinna tajba tal-attur. Huwa kien ġibed l-attenzjoni tal-attur biex ma jużax iżjed il-*fax* tal-Kwartieri Ġenerali tal-FAM għal għanijiet personali iżda, minkejja dan, l-attur sfidah u kompla b'dan l-użu tant li kellha tinħareġ ordni biex l-attur jinżamm milli jibqa' jkollu aċċess għall-*fax machine*. L-attur daħħal żewġ persuni mhux

[34] Affidavit tiegħu f'paġġ. 415 sa 430 tal-proċess
[35] Ara, Dokti "MSB", "MEC", "MRS1", u "AC" f'paġġ. 277 – 8, 344, 399 – 400 u 436 – 7 rispettivament
[36] Dok "MGX", f'paġġ 528 – 9 tal-proċess

awtoriżżati ġewwa ż-żona ristretta ta' sigurtà l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta u dawn neħħew żewġ roti minn ġo '*trailer*' proprjetà tal-FAM u ġarrewhom 'il barra mill-imkien tal-mitjar biex ipoġġuhom ma' vettura oħra, u mbagħad, wara li nqdew minnha, reġgħu ġabuhom lura fejn kienu. Il-Kap Kmandant kellu jirrapporta l-inċident lis-segretarju privat tal-Prim Ministru fejn ukoll irrimarka illi predecessor tiegħu kien wissieh dwar in-nuqqasijiet tal-attur, kif ukoll attitudni t'arroganza malli jingħata ċertu livell t'awtorità. F'inċident ieħor l-attur ippermetta żewġ persuni jidħlu u jżarmaw affarijiet minn fuq il-bejt ta' wieħed mill-blokki ġewwa l-*barracks* ta' Ħal Luqa. Dan wassal ukoll biex saret mistoqsija parlamentari dwar l-inċident;

(iii) il-Brigadier Vassallo ukoll kellu riżervi dwar l-imġiba tal-attur u saħansitra ġieli kellu jidħol fin-nofs biex jikkwieta l-affarijiet. L-attur irreklama fuq l-*ebay* il-bejgħ ta' '*bullet proof vest*' li setgħet kienet ta' oriġini dubbjuża u/jew li kienet suġġetta għall-*end user agreement* kif ħafna drabi jkun suġġett tagħmir militari. Dan wassal għal investigazzjoni minn uffiċċjali tal-Istati Uniti tal-Amerka;

Illi l-attur jisħaq li, meta mqabblin ma' nuqqasijiet li wettqu sħabu li ngħataw promozzjoni, dawk tiegħu huma nuqqasijiet bla ebda konsegwenza u ta' ftit siwi li ma messhomx ittieħdu b'qies mill-imħarrek Kap Kmandant meta ġie biex ikejjel ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu dwar min kien jistħoqqlu jingħata l-promozzjonijiet. Din il-Qorti ma jidhrilhiex li għandha twettaq proċess ta' kejl jew evalwazzjoni tas-serjetà jew gravità tan-nuqqasijiet imsemmija, u lanqas ma tħoss li għandha tagħmel proċess ta' tqabbil. Għall-finijiet tal-istħarriġ li hija mitluba tagħmel f'din il-kawża, madankollu, jidhrilha li huwa rilevanti ssemmi li n-nuqqasijiet li joħorġu fl-imġiba tal-attur kienu nuqqasijiet mifruxa fuq medda ġmielha ta' żmien u li ttennew minnu minkejja li kien imwiddeb u minkejja li kien jagħraf li jkun naqas. Ir-rilevanza ta' din il-kostatazzjoni, fil-fehma tal-Qorti, titfa' dawl fuq id-deċiżjoni li ħa l-imħarrek Kap Kmandant li jqis li ma jirrakkomandax lill-attur – meta qiesu bħala immatur u li jirribella għat-twiddib – għall-ħatra fi grad li jitlob dixxiplina fuq il-persuna nnifisha u fuq is-subalterni tagħha;

Illi l-attur qiegħed jippremetti li l-eżerċizzju ta' promozzjonijiet kien *ultra vires* abbażi ta' dawn ir-raġunijiet mogħtija mill-artiklu 469A (1)(b):

(i) meta dak l-egħmil jitwettaq minn awtorità pubblika li ma tkunx awtorizzata sabiex twettqu; jew

(ii) meta l-awtorità pubblika tkun naqset milli tħares il-prinċipji tal-ġustizzja naturali jew ħtiġiet proċedurali mandatorji fit-twettiq tal- egħmil amministrattiv jew fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dwar dak l-egħmil; jew

(iii) meta l-egħmil amministrattiv jikkostitwixxi abbuż tas-setgħa

tal-awtorità pubblika billi dan isir għal għanijiet mhux xierqa jew jissejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti;

(iv) meta l-egħmil amministrattiv ikun imur mod ieħor kontra l-liġi;

Illi tajjeb jitfakkar qabel xejn il-prinċipju ġenerali li meta tissindika għemil amministrattiv, il-Qorti ma tistaqsix jekk dan kienx tajjeb jew ħażin, bħalma jsir fil-każ ta' appell, li jidħol fil-mertu, imma tistaqsi biss jekk dan kienx legali, iġifieri jekk ġiex imħaddem fil-qafas tas-setgħat mogħtija mil-liġi. L-istħarriġ ġudizzjarju huwa għalhekk mekkaniżmu fundamentali biex jiżgura li l-awtoritajiet pubbliċi ma jaqbżux il-limiti tagħhom u tiġi mħarsa s-saltna tad-dritt. Għalhekk meta Qorti tissindika għemil amministrattiv, hija tiddeċiedi biss jekk dak l-għemil għandux jitħassar jew le, iżda ma tbiddilx deċiżjoni meħuda mill-awtorità pubblika li jkollha s-setgħa li tiddeċidieha b'oħra meħuda mill-Qorti stess;

Illi fil-prattika, f'qagħdiet fejn jiġi attakkat għemil amministrattiv bħala *ultra vires* ikunu bbażati fuq waħda jew iktar mir-raġunijiet mogħtija fl-artikolu 469A(1)(b). L-attur isejjes il-każ tiegħu fuq l-erba' ċirkostanzi maħsuba f'dik id-dispożizzjoni tal-liġi. Imbagħad hemm sitwazzjonijiet, bħan-nuqqas ta' raġonevolezza tad-deċiżjonijiet amministrattivi, li m'humiex raġuni msemmija espliċitament f'din id-disposizzjoni tal-liġi imma li jinkwadraw ruħhom f'xi waħda jew iktar mir-raġunijiet hemm imniżżla, għalkemm tissemma f'dispożizzjoni oħra mill-istess artikolu li titkellem dwar l-għoti ta' ħlas tad-danni minħabba l-għemil amministrattiv attakkat[37];

Illi għar-rigward tal-ksur tal-**prinċipji tal-ġustizzja naturali**, il-Qorti tqis li l-attur ma ressaq l-ebda prova dwar dan. Lanqas ressaq xi prova dwar in-**nuqqas ta' xi ħtieġa proċedurali**. Fi kliem l-imħallef Peter McClellan, "*Procedural error is an administrative failure to meet all the procedural requirements laid down by a statute that condition the exercise of a discretion. A procedural error may or may not be an error of law, depending on the statutory context. Having found an error the Court considers whether, having regard to the terms of the legislation, the Parliament intended that the particular error would result in the invalidity of the decision*"[38];

Illi l-attur jallega li kien hemm **abbuż tas-setgħa pubblika** minħabba ndħil politiku fil-proċess tal-għoti tar-rakkomandazzjonijiet għall-promozzjonijiet fil-grad ta' Logutenent Kurunell. Huwa jgħid li dan l-indħil seħħ minn persuni qrib wieħed minn sħabu li ngħata l-promozzjoni. Madankollu, meta l-Qorti fliet sewwa l-provi mressqa ħareġ li, mhux talli dan

[37] Art. 469A(5) tal-Kap 12
[38] Fil-kawża fl-ismijiet ***Project Blue Sky Inc. vs Australian Broadcasting Authority*** (1998) 194 CLR 355

ma rriżultax, talli rriżulta li kien hu li pprova jagħmel din it-tip ta' pressjoni meta talab laqgħa mal-Prim Ministru sewwasew fuq il-proċess tal-ħatriet imsemmija[39]. Mill-bqija, il-Qorti ssib li l-imħarrek Kap Kmandant wettaq id-diskrezzjoni tiegħu kif deherlu li kien fl-aħjar interess u ħtiġijiet tal-Armata, filwaqt li l-Prim Ministru ma ntwera li kien indaħal bl-ebda mod fit-tfassil tar-rakkomandazzjonijiet li twasslu quddiemu. Wieħed ukoll ma jistax joqgħod fuq ix-xilja tal-attur li s-Segretarju Parlamentari ta' dak iż-żmien kien ipprova jimbotta l-promozzjoni ta' wieħed mill-kollegi tal-attur, u dan għaliex intwera li l-politika tal-Gvern f'dak iż-żmien kienet li l-FAM ikollha taqsima speċifika u msaħħa dwar il-ħarsien u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol għas-suldati u l-irġiel tal-Armata, u l-uffiċjal li ntgħażel kien sewwasew dak il-kollega msemmi mill-attur (Mario Borġ) għaliex sa dak iż-żmien kien l-uffiċjal tal-Armata li kien l-aktar maqtugħ għal dak ix-xogħol u li kien ilu żmien iwettaq dmirijiet marbuta ma' dak il-qasam;

Illi b'danakollu l-ilment ewlieni tal-attur jidher li jdur fuq in-**nuqqas ta' raġonevolezza** mħaddem fl-eżerċizzju tal-promozzjonijiet mertu tal-każ. Kif irrimarkat il-Qorti Suprema tal-Canada, il-kunċett tar-raġonevolezza huwa wieħed mill-kunċetti legali mill-iktar użati, iżda fl-istess ħin mill-iktar kumplessi fil-qasam tad-Dritt Amministrattiv[40];

Illi jista' jingħad li id f'id mal-kwestjoni tar-raġonevolezza ta' deċiżjoni jew għemil amministrattiv, tidħol ukoll dik tar-rilevanza tal-kunsiderazzjonijiet li jintgħamlu biex twassal għat-teħid ta' tali deċiżjoni jew għemil. Din ukoll hija waħda mill-kawżali li fuqhom l-attur isejjes il-każ tiegħu[41]. Magħhom u minħabba l-kawżali speċifika tat-tħaddim tar-raġonevolezza, jidħol tabilfors l-element tat-tħaddim tad-diskrezzjoni li l-liġi tagħni biha lill-awtorità amministrattiva pubblika li tkun ħadet dik id-deċiżjoni. B'"diskrezzjoni" wieħed jifhem dak li fid-duttrina huwa mfisser bħala "*(the) power to make a choice between alternative courses of action or inaction*"[42];

Illi l-Qorti tifhem li ladarba eżerċizzju bħal dak jimplika diskrezzjoni, dan ifisser li t-twettiq ta' dik id-diskrezzjoni, għall-finijiet ta' stħarriġ ġudizzjarju, tippermetti li l-persuna mogħnija b'dik is-setgħa diskrezzjonali ma tkunx marbuta mal-elementi oġġettivi għall-formazzjoni tal-ħsieb tagħha, li huwa fdat għall-prudenza suġġettiva ta' dik il-persuna u li timplika tabilfors element soġġettiv[43]. Madankollu, dik id-diskrezzjoni trid titwettaq fil-parametri tal-liġi li tawtorizzaha, b'mod raġonevoli, b'ekwità u ħaqq[44] u mingħajr abbuż ta' dik l-istess diskrezzjoni. Huwa magħruf ukoll li t-

[39] Xhieda ta' Edgar Galea Curmi f'paġ. 580 tal-proċess
[40] Fil-kawża fl-ismijiet ***Dunsmuir vs New Brunswich (Board of Management)*** **2008** SCC 9 at 46
[41] Art. 469A(1)(b)(iii) tal-Kap 12
[42] DeSmith, Woolfe & Jowell *Principles of Judicial Review* (5th Edit, 1995), paġ. 296
[43] App. Ċiv. **30.11.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Sammut noe et vs Kontrollur tad-Dwana*** (Kollez. Vol: **LXXVII.ii.376**)
[44] App. Ċiv. **21.4.1961** fil-kawża fl-ismijiet ***Masini noe vs Podestà noe*** (Kollez. Vol: **XLV.i.110**)

twettiq ta' diskrezzjoni bħal dik dettat minn xi sura ta' pressjoni jew tehdid minn terza persuna inissel ċirkostanza fejn dik id-diskrezzjoni titqies li twettqet ħażin, għaliex għall-eżerċizzju tal-arbitriju ħieles u raġunat tal-persuna awtorizzata jkun daħal l-element li l-ħsieb li wassal għad-deċiżjoni kien wieħed imġiegħel;

Illi kien għalhekk li, mal-medda taż-żmien, issawru regoli li jħarsu l-imsemmija setgħat diskrezzjonali u kif il-Qrati kellhom iqisu l-istħarriġ tagħhom dwarhom. Ewlenija fost dawn ir-regoli hi li awtorità li hija mogħnija b'diskrezzjoni tista' tiġi ordnata teżerċitaha f'każ li tkun naqset li tagħmel dan, imma ma tistax tiġi dettata x'għandha tiddeċiedi jew li twettaqha b'xi mod partikolari. Biex jiġi assikurat li din id-diskrezzjoni kienet imwettqa, jeħtieġ li lill-Qorti jirriżultalha li dik l-awtorità tassew qieset il-kwestjoni li kellha quddiemha, u li dan għamlitu mingħajr l-indħil tal-ebda ħaddieħor jew bla ma poġġiet lilha nnifisha f'qagħda fejn ma setgħetx jew irrifjutat li twettaq dik id-diskrezzjoni[45]. Siewi wkoll li jiġi aċċertat jekk l-awtorità mistħarrġa għamlitx dak li kienet espressament miżmuma milli tagħmel, jew jekk għamlitx xi ħaġa li ma kinitx awtorizzata tagħmel. Fuq kollox, l-awtorità mistħarrġa trid tkun imxiet *bona fide* u qieset il-konsiderazzjonijiet rilevanti tal-każ. Dawn huma, fil-qosor, il-ġabra tal-kategoriji fid-Dritt Amministrattiv ta' nuqqas ta' eżerċizzju ta' diskrezzjoni u ta' eċċess jew abbuż ta' dak l-eżerċizzju;

Illi marbut sfiq ma' dawn il-prinċipji wieħed isib ukoll it-test tar-raġonevolezza tat-twettiq tad-diskrezzjoni. Id-dmir li awtorità taġixxi raġonevolment mhux l-istess bħad-dmir li taġixxi *bona fide*[46]. Għalhekk, filwaqt li mhux kull eżerċizzju raġonevoli ta' ġudizzju huwa bilfors korrett, lanqas mhuwa bilfors irraġonevoli kull eżerċizzju ta' ġudizzju żbaljat[47]. F'każ bħal dan, ix-xiber li l-Qorti jidher li għandha tuża biex tkejjel bih ikun dak li tqis jekk id-deċiżjoni li minnha jkun hemm ilment kinitx mistennija li tittieħed minn persuni raġonevoli;

Illi l-kittieba awtorevoli f'dan il-qasam jgħallmu li r-rwol ewlieni tal-Qrati fid-dritt amministrattiv huwa dak li jiżguraw li ma tonqosx il-legalità fl-għemil mistħarreġ, iżjed minn dak li jaraw li l-awtorità pubblika mistħarrġa tkun iddeċidiet sewwa. Hekk ukoll tfissret il-qagħda f'bosta deċiżjonijiet tal-qrati[48];

Illi huwa stabilit li biex jitqies jekk awtorità wettqitx b'mod raġonevoli d-diskrezzjoni mogħtija lilha bis-saħħa ta' xi liġi, irid jintwera li dik

[45] Ara App. Ċiv. **20.5.1982** fil-kawża fl-ismijiet ***Fenech Adami et vs Cremona pro et noe*** (mhix pubblikata)
[46] Ara, per eżempju, ***R vs Roberts, ex p. Scurr*** (**1924**) 2 K.B. 695
[47] Ara, per eżempju, ***R. vs W*** **(1971)** A.C. 682
[48] Ara l-bosta riferenzi msemmija minn din il-Qorti (JZM) fis-sentenza tad-**9.6.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Mario Debono et vs Tabib Prinċipali tal-Gvern et***

l-awtorità mxiet ma' dak li kellha jew messha tagħmel u mhux biss ma' dak li setgħet tagħmel[49]. Dan ifisser li l-kejl ta' r-raġonevolezza jkun wieħed oġġettiv marbut maċ-ċirkostanzi fattwali li fihom dik l-istess diskrezzjoni titwettaq[50]. B'żieda ma' dan, biex imġiba titqies abbużiva, min jallegaha jrid juri li kien hemm element ta' intenzjoni biex wieħed jagħmel il-ħsara, liema fehma wieħed jista' jasal biex juriha b'xi prova ta' mġiba esterna li tagħmel parti mill-eżerċizzju diskrezzjonali li jkun. Minbarra dan, l-eżerċizzju diskrezzjonali jrid ikun kemm "*rite*" u kif ukoll "*recte*", jiġifieri jrid jitwettaq skond il-proċedura stabilita u kif ukoll imħaddem b'ħaqq[51]. Dan kollu jitlob ukoll li d-diskrezzjoni titwettaq b'mod raġonevoli;

Illi f'dan ir-rigward, tajjeb li jingħad li "*A person in whom is vested a discretion must exercise his discretion upon reasonable grounds. A discretion does not empower a man to do what he likes merely because he is minded to do so – he must in the exercise of his discretion do not what he likes but what he ought. In other words, he must, by the use of his reason, ascertain and follow the course which reason directs. He must act reasonably*"[52]. Il-kejl tar-raġonevolezza jista' jitqies bħala l-mod kif għemil amministrattiv ma jitħalliex ikun aġir arbitrarju jew kapriċċuż[53]. Iżda jekk kemm-il darba jirriżulta li d-deċiżjoni amministrattiva taqa' fil-parametri tar-raġonevolezza, imbagħad il-Qorti ta' stħarriġ ma jifdlilha l-ebda setgħa li tindaħal fuq is-siwi ta' dik id-deċiżjoni jew tiddelibera dwar jekk kenitx taqbel magħha jew jekk kinitx tiddeċiedi bħalha[54];

Illi fis-sentenza *Associated Provincial Picture Houses Ltd v Wednesbury Corporation*[55] Lord Greene MR għamel pronunzjament awtorevoli dwar il-livell ta' raġonevolezza legali li għandu jinżamm minn min jieħu d-deċiżjonijiet: "*In his oft-cited judgment, Lord Greene MR stated that a decision-maker will fall into error where they remain within the 'four corners of the matters which they ought to consider, [but] have nevertheless come to a conclusion so unreasonable that no reasonable authority could ever have come to it*'"[56];

Illi minn dik is-sentenza jistgħu jinstiltu għadd ta' prinċipji, li komplew jiġu elaborati f'sentenzi li ġew ippronunzjati warajha, fosthom li: (i) deċiżjoni tista' titqies li mhix raġonevoli f'sens ġenerali meta jkun hemm żbalji fil-proċess li bih tittieħed id-deċiżjoni. Iżda r-raġonevolezza teżisti bħala raġuni

[49] H.W.R. Wade & C.F. Forsyth, Administrative Law (11th. Edit 2014), pġ. 295
[50] App. Ċiv. **27.3.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmelo Dingli et vs Kontrollur tad-Dwana et***
[51] App. Inf. PS **26.2.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Peter J. Azzopardi et noe vs Awtorita' għas-Servizzi Finanzjarji***
[52] *Per* Wrenbury LJ in re ***Roberts vs Hopwood*** (**1925**) AC 578, a fol. 613
[53] Ara, b'eżempju, TRA GV **11.6.2012** fil-kawża fl-ismijiet ***Vincent Mallia vs Ministru tal-intern u Affarijiet Parlamentari et***
[54] Wade & Forsyth *op cit*, (9th Edit) pġ. 354 u 363
[55] [**1947**] EWCA Civ 1; [**1948**] 1 KB 223 (Wednesbury).
[56] Barker, Justice Michael - "Legal unreasonableness: Life after Li" (FCA) [2014] FedJSchol 15

residwali tal-istħarriġ amministrattiv. Qorti tista' tħassar deċiżjoni fuq il-bażi ta' nuqqas ta' raġonevolezza wkoll meta min jieħu d-deċiżjonijiet ikun qies il-kunsiderazzjonijiet rilevanti kollha, eżerċita s-setgħat tiegħu għal għan xieraq, u mexa mal-applikant b'ġustizzja proċedurali; (ii) in-nuqqas ta' raġonevolezza skont il-liġi mhix skuża biex il-Qrati jimponu l-fehma tagħhom ta' x'inhu xieraq fuq dik ta' min jieħu d-deċiżjonijiet amministrattivi. Fi kliem Lord Greene fl-istess sentenza, '*the question is not what the court considers unreasonable, a different thing altogether*". Dan hu hekk il-każ billi "*There is a fine line between an unreasonable decision and a reasonable decision with which one disagrees. The High Court has repeatedly emphasized that legal unreasonableness is not a covert method for the judiciary to express its disapproval of an administrative decision*."[57]; (iii) in-nuqqas ta' raġonevolezza jitqies eċċezzjonali, u mhux milħuq kif ġieb u laħaq, imma fi kliem Lord Greene, '*would require something overwhelming*'. Intqal ukoll li '*unreasonableness is a conclusion which may be applied to a decision which lacks an evident and intelligible justification*'[58] u wkoll li "*two reasonable persons can perfectly reasonably come to opposite conclusions on the same set of facts without forfeiting their title to be regarded as reasonable*"[59]; u għalhekk Lord Cooke juża' t-test ta' "*whether the decision was one which a reasonable authority could reach*"[60]. Mhuwiex bilfors irraġonevoli kull eżerċizzju ta' ġudizzju żbaljat[61];

Illi meta l-Qorti tħaddem dan it-tagħlim u dawn il-kunsiderazzjonijiet għall-każ preżenti, ma jirriżultax mill-atti li d-deċiżjoni tal-Kap Kmandant li ma jirrakkomandax lill-attur għall-promozzjoni kienet imniġġsa minn xi raġunijiet assurdi, kapriċċużi jew bla sens, jew ibbażati fuq kunsiderazzjonijiet mhux rilevanti. Ġaladarba hu hekk il-każ, wieħed jista' jaqbel jew ma jaqbilx mal-piż li l-imħarrek Kap Kmandant ta lill-inċidenti kif ukoll fatturi oħra minnu msemmija; wieħed jista' jaqbel jew ma jaqbilx li dawn l-inċidenti u fatturi oħra kienu ta' serjetà tali li jġibuh ma jistħoqqlux il-promozzjoni; iżda jekk il-Qorti tindaħal f'din l-evalwazzjoni, u tbiddilha mal-fehma tagħha, tkun qiegħda tħaddem setgħa li l-liġi ma tagħtihiex;

Illi ladarba l-Qorti qiegħda tasal għal din il-fehma, issib li ma tistax tilqa' **l-ewwel talba attriċi** għaliex ir-rakkomandazzjonijiet magħmula mill-imħarrek Kap Kmandant tal-FAM dwar il-promozzjonijiet fil-grad ta' Logutenent Kurunell f'Novembru tal-2007 ma ntweriex li kienu saru lil hinn mis-setgħat tiegħu jew bħala frott ta' twettiq ħażin jew mhux raġonevoli tad-

[57] Leighton McDonald, '<u>Rethinking unreasonableness review</u>' (2014) 25 Public Law Review 117, 122-4
[58] (**2013**) HCA 18: (**2013**) 249 CLR 332 (Li). (High Court of Appeal tal-Awstralja)
[59] Fl-atti tal-kawża ***Re W. (an infant)*** (**1971**) AC682 at 700
[60] Fil-kawża fl-ismijiet ***Boddington vs British Transport Police*** (**1999**) 2 AC 143
[61] Fil-kawża fl-ismijiet ***R. vs W*** (**1971**) A.C. 682

diskrezzjoni li l-liġi tagħtih jew fuq is-saħħa ta' kunsiderazzjonijiet irrilevanti. Lanqas ma ntwera li dak l-għemil amministrattiv sar mod ieħor bi ksur tal-liġi;

Illi ladarba l-Qorti qiegħda tasal għal din il-fehma, dan iġib li ma għandhiex tgħaddi biex tqis it-**talbiet attriċi l-oħrajn** għaliex, kif ingħad qabel, dawn kollha jiddependu minn jekk l-ewwel talba tintlaqax;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tiċħad it-tieni eċċezzjoni preliminari** tal-imħarrkin u ssib li l-kawża mhijiex milquta minn fundament ġuridiku li bis-saħħa tiegħu setgħet titressaq;

**Tiċħad l-eċċezzjoni preliminari ulterjuri** bħala mhux mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt, għaliex l-interess ġuridiku fl-attur baqa' jirriżulta minkejja ċ-ċirkostanza li wasslet biex titqajjem tali eċċezzjoni;

**Tilqa' l-eċċezzjonijiet fil-mertu** tal-imħarrkin u b'hekk **tiċħad l-ewwel talba attriċi** bħala mhux mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt u dan billi ma ntweriex li l-għemil amministrattiv impunjat mill-attur sar tabilħaqq b'mod abbużiv jew illegali;

**Tiċħad it-talbiet attriċi l-oħrajn** għaliex dawn huma konsegwenzjali għall-ewwel talba; u

**Tordna** li l-attur iħallas l-**ispejjeż tal-kawża** ħlief dawk marbuta mas-sentenza preliminari tat-18 ta' Frar, 2010, li jibqgħu regolati kif ordnati f'dik is-sentenza.

**Moqrija**

| | |
|---|---|
| **Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**<br>**Imħallef** | **Marisa Bugeja**<br>**Deputat Reġistratur** |
| **30 ta' Jannar, 2020** | **30 ta' Jannar, 2020** |